# *La Bidu La Tmiem:1599* ta' Alfred Sant bħala spunt għal riviżitazzjoni tal-mudell storjografiku empiriku

Stephen BONANNO, Ph.D.
*Dipartiment tal-Malti, il-Junior College tal-Università ta' Malta*
e-mail: stephen.bonanno@um.edu.mt

**Astratt**: *Dan l-istudju jfittex li janalizza l-isforz ta' Sant li jirriviżita f'*La Bidu La Tmiem: 1599 *il-mod li bih l-istoriku Malti jinterpreta l-passat storiku. Din il-ħtieġa tiġi illustrata fid-dawl ta' tliet ħassieba Maltin. Il-kontribut ta' Oliver Friggieri u Paul Sant Cassia jikxef il-monolotiżmu fil-kultura Maltija, mudell ta' ħsieb li skont tal-ewwel jillimita l-varjetà fl-interpretazzjoni. Permezz ta' Henry Frendo mbagħad jintwera kif l-isterilità mentali kkawżata min-nuqqas ta' kontestazzjoni timmanifesta ruħha fil-mudell storjografiku ppropagat minnu. F'dan il-kuntest, it-test ta' Sant jiġi analizzat bħala sforz biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni. L-istudju jiffoka fuq l-applikazzjoni tal-likwidità bħala mezz li jżarma ċ-ċertezza marbuta mal-mudell storjografiku empiriku. Il-qofol tar-riviżitazzjoni jikkonċerna l-istatus ontoloġiku tar-realtà, li titlef is-solidità fl-essenza tagħha biex tħaddan il-likwidità marbuta mal-mudell epistemoloġiku postmodern.*

**Kliem muftieħ**: *Alfred Sant,* La bidu la tmiem:1599, *postkolonjalità, monolitika, realtà storika, storjografija, lineari, teleoloġiku, empiriku, riviżitazzjoni, postmodern, likwidità.*

## Introduzzjoni

Id-deċiżjoni ta' Alfred Sant li lejn il-qalba ta' żewġ millennji jagħżel li jikteb rumanz fit-tradizzjoni tar-rumanz storiku tista' mhux biss ma tinftihemx imma tqanqal reazzjoni negattiva. Kif wieħed jista' jispjega d-deċiżjoni li donnu jagħlaq l-iżvilupp tar-rumanz Malti billi jreġġgħu lura lejn il-punt li minnu telaq, hu li fil-passat kien tant determinanti biex jinfetħu toroq ġodda fil-ġeneri li kkontribwixxa fihom?[1] Il-għala għażel li jikteb rumanz fil-ġeneru meqjus komunement minn diversi kummentaturi u kittieba lokali bħala anakronistiku, u għalhekk mhux aktar validu għal żmienna?[2] Fit-tentattiv li nwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet m'iniex se nfittex

[1] Biżżejjed wieħed isemmi li Alfred Sant, bir-rumanz *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*, Malta, (1968), kien il-pijunier ewlieni tar-rumanz psikoloġiku Malti. Barra minn dan, wieħed jista' jsemmi l-introduzzjoni tat-teknika tal-*mise en abyme* fid-dramm tiegħu *Fid-Dell tal-Katidral*, Malta, 1994.

[2] Il-ġeneru tar-rumanz storiku Malti sar sinonimu mal-ġrajjiet politiċi relatati mal-ġlieda biex Malta ssir nazzjon. Donnha ngħatat l-impressjoni li lil hinn mill-istess ġrajjiet ma kienx hemm aktar spazju

biss li nipprovdi kuntesti li fihom it-test jiġi interpretat. Barra minn hekk, nittama li fl-istess ħin nuri li d-deċiżjoni msemmija mhux biss ma kenitx 'il barra minn żmienha, imma saħansitra tixhed ir-relevanza tat-test għal żmienna u l-kontemporanjetà tal-viżjoni tal-awtur meta mpoġġija f'qafas usa'. Dan se nipprova nagħmlu billi napplika tliet konsiderazzjonijiet.

Fl-ewwel konsiderazzjoni, iż-żmien li fih ġie ppubblikat ir-rumanz jitlob li jinqara fid-dawl tal-ħtieġa ta' riviżitazzjoni marbuta miegħu. Bħalma spiss jiġri hekk kif tkun riesqa qalba minn seklu għal ieħor, il-bniedem jinħakem minn rieda qawwija biex jirriviżita dak kollu li jemmen fih. Frank Kermode jirreferi għal dak li jiġri f'dan il-mument partikulari tal-istorja hekk: '[. . .] *when it may be harder than ever to accept the precedents of sense-making – to believe that any earlier way of satisfying one's need to know the shape of life in relation to the perspectives of time will suffice'*.[3] Minn din il-kwotazzjoni tispikka ċ-ċaħda kategorika tal-essenzi u prinċipji universali li jimpustaw tifsira fundamentali u kostanti fuq l-eżistenza, dik li Kermode isejjaħ il-'*precedents of sense-making*'. Imma fil-kuntest Malti, x'tista' tkun din l-impostazzjoni li lejha r-riviżitazzjoni ta' Sant tista' tkun indirizzata? It-tweġiba għaliha se nipprova nibda nagħtiha fid-dawl tat-tieni konsiderazzjoni.

Il-ħtieġa ta' riviżitazzjoni f'Sant tista' tinftiehem aħjar fil-kuntest tar-rikonċettwalizzazzjoni ta' x'għandha tikkostitwixxi l-postkolonjalità. Minn enfasi fuq ir-relazzjoni bejn il-kolonjalizzatur u l-kolonizzat it-twessigħ kunċettwali tat-terminu ppermetta li jsir tentattiv ta' bidla fil-mudelli li dan tal-aħħar dera japplika biex jaħseb bihom. Għax kif issostni Jyotirmaya Tripathy, biex isseħħ id-dekolonjalizzazzjoni nħass il-bżonn '*to delink postcolonialism from formal political decolonisation*'.[4] Dan kien jimplika li l-kunċett preċedenti kellu jittrasforma ruħu f'għodda analitika li tassessja l-prattiċi diskursivi. Imma x'jistgħu jkunu dawn, u kif nista' napplikahom biex nispjega t-tentattiv ta' Sant aħjar? Ħjiel importanti jagħtihulna Yaying Zhang, li jisħaq li l-postkolonjaliżmu '*suggests a reading strategy or methodology appropriate to literatures that challenge a unitary value system and a single ideological climate* [. . .].'[5] L-għan ta' Sant fir-riviżitazzjoni jista' għalhekk jiġi interpretat li hu indirizzat lejn dak li Zhang jiddeskrivi bħala 'sistema ta' valur unitarju' u 'l-klima ideoloġika waħdanija'. L-intenzjoni tiegħi fl-aħħar mill-aħħar hi li nipprova nidentifika l-ekwivalenti tagħhom fil-kultura Maltija, li teħodni għat-tielet konsiderazzjoni.

---

għall-ġeneru. Arnold Cassola hu fost dawk li jsostnu dan, kif tixhed din il-kwotazzjoni: 'Kif seħħet l-emanċipazzjoni politika tal-Maltin, permezz tal-kisba tal-Indipendenza fl-1964, ir-rumanz storiku tilef kull *raison d'être* li qatt kellu.' (Kwotazzjoni ċitata minn *paper* ta' A. Cassola, intitolata 'Il-Letteratura u l-Poplu', ippubblikata f'*Kungress dwar l-Identità Maltija*, Malta, 1994, p. 39.

[3] F. Kermode, *The Sense of an Ending: Studies in the Theories of Fiction*, New York, 1966, p. 3.

[4] Jyotirmaya Tripathy, 'Postcolonialism and the Native American Experience: A Theoretical Perspective', *Asiatic: IIUM Journal of English Language and Literature*; Vol. 3, Issue 1, 2009, p. 43.

[5] Yaying Zhang, 'Postcolonial Canada and its Postcolonial "Other": Reconsidering "Canadianness" through Asian Canadian Literature' f'*Textual Studies in Canada*, Summer 2004, Issue 17, pp. 97–110 (p. 98).

Oliver Friggieri, wieħed mill-analisti ewlenin tal-qagħda kulturali Maltija jagħmel osservazzjoni li jista' jkollha relevanza għal dak li qiegħed nipprova nfittex li nistabbilixxi. Hu jisħaq li 'il-pajjiż m'għandux tradizzjoni ta' ħsieb; m'għandux wirt filosofiku, anzi l-filosofija baqgħet imwaħħda mat-teoloġija [. . .]'.[6] Kif turi din il-kwotazzjoni n-nuqqas ta' żvilupp fil-fakultà analitika li għandu l-bniedem, determinanti biex l-affarijiet jiġu analizzati b'mod kritiku, hu wieħed mill-fatturi ewlenin li xekkel bil-bosta t-tradizzjoni kritika Maltija. Biex tkompli tiggrava s-sitwazzjoni s-sinjali jindikaw li d-diskussjoni u l-qsim tal-ideat, strumentali biex id-dixxiplini varji jiffunzjonaw kif għandhom jiffunzjonaw u b'hekk jitwessa' l-għarfien, skont Friggieri huma maħnuqa flok ikkultivati: 'Il-kultura tradizzjonali hi essenzjalment monolitika, unitarja, mibnija fuq il-qbil awtomatiku ta' kulħadd u fuq it-trażżin tal-varjazzjonijiet'.[7] Id-deskrizzjoni tat-tradizzjoni Maltija bħala 'monolitika' għalhekk, tista' tidentifika l-qagħda kulturali Maltija mal-għan li Zhang jisħaq li l-kittieba postkolonjali għandhom ifittxu li jisfidaw.

Relevanti wkoll huwa l-kontribut tal-antropologu Paul Sant Cassia. Fl-istess fil ta' ħsieb ta' Friggieri, hu jindika t-triq li tista' sservi biex toħroġ is-sitwazzjoni kulturali Maltija mill-għeluq deskritt. Fl-analiżi tiegħu Sant Cassia jisħaq li '*any perusal of the study of Maltese society and culture, especially as regards the grassroots* [. . .] *can readily indicate that there has been little debate and scant discussion*'.[8] B'konsegwenza tan-nuqqas tal-ħolqien ta' ambjent fejn il-kontestazzjoni hi possibbli, ladarba d-diskussjoni hi limitata jekk mhux ineżistenti, hu jwiddeb li '*nothing seems to trouble the presentation of "facts" and theory is largely absent*'.[9] F'dan il-kuntest, osservazzjoni li tgħaddi Linda Hutcheon tikkonferma s-suġġett tal-istorja bħala d-direzzjoni li lejha r-riviżitazzjoni ta' Sant tista' tkun immirata. Jidher li n-nuqqas ta' bażi teoretika li tistimola l-proċess li permezz tiegħu tiġi skrutinizzata l-preżentazzjoni tal-fatti ma japplikax biss għas-sitwazzjoni Maltija. Skont Hutcheon l-istess nuqqas juruh ukoll l-istoriċi barranin: '[. . .] *most historians of history feel that the discipline is still largely empirical and practical, with a radical distrust of the abstract and the theoretical*'.[10] Għaldaqstant, il-pass li jmiss hu li nuri kif il-mudell li jqaxxar tant tajjeb is-sitwazzjoni kulturali Maltija, ikkaratterizzat mill-uniformità fil-ħsieb u t-trażżin ta' kwalunkwe varjetà li tista' tfixkel l-istess uniformità, jimmanifesta ruħu fil-mod li bih l-istoriku Malti jinterpreta l-passat storiku.

---

[6] Oliver Friggieri, *Il-Kuxjenza Kulturali Maltija: Lejn Definizzjoni Storika-kulturali*, Malta, 1995, p. 114.
[7] Ibid.
[8] Paul Sant Cassia, 'History, Anthropology, and Folklore in Malta', minn *Journal of Mediterranean Studies*, Vol. 3, No. 2, 1993, pp. 291–315 (p. 304).
[9] Ibid., p. 305.
[10] Linda Hutcheon, *A Poetics of Postmodernism: History, Theory, Fiction*, Londra, 1988, p. 96.

**Il-preżenza tal-mudell Empiriku fl-istorjografija Maltija**

Fil-ktieb tiegħu *Deconstructing History*, Alan Munslow jagħti indikazzjonijiet ċari tal-mudell storjografiku tradizzjonali billi fis-sinteżi li jirnexxilu joħroġ jiffoka fuq l-aspetti li jikkostitwuh. Hu jisħaq li '*what unifies the majority of historians is this general commitment to an evidence-based methodology which, by following basic inferential "rules of evidence" is presumed to produce specific interpretations that allow the reconstruction/construction of the past close to the truth of what it was about*'.[11] Minn din l-osservazzjoni jistgħu jinsiltu żewġ aspetti fundamentali li jassoċjaw l-istorjografija tradizzjonali mal-mudell epistemoloġiku empiriku.[12] L-ewwel nett, il-metodu mħaddem jibbaża ruħu fuq l-evidenza storika, li l-istoriku jfittex li jimxi fuqha biex jipproduċi l-interpretazzjonijiet permezz tar-regoli tal-inferenza. Fit-tieni prinċipju ssuġġerit, jisseddaq il-għan aħħari li kull interpretazzjoni storika empirika timmira li tilħaq, jiġifieri li l-interpretazzjoni tal-evidenza storika titqarreb kemm tista' lejn dak li ġara fil-passat. Fi kliem ieħor, il-passat storiku jitfittex li jinqabad kif inhu.

Iċ-ċertezza tal-eventwalità li l-verżjoni li fiha ssir ir-rikostruzzjoni tal-passat tkun viċina kemm tista' għall-ġrajjiet kif darba ġraw għandha l-għeruq tagħha fit-twemmin li l-evidenza storika tipprovdi l-opportunità lill-istoriku biex permezz tal-mudell lineari jsir possibbli li mit-traċċi mħollija jasal għar-realtà storika moħbija wara l-evidenza. Fil-fatt, hija xi ħaġa komuni li fl-istorjografija empirika l-passat jitqies li hu moħbi wara l-evidenza, u li fin-narrazzjoni tiegħu l-istoriku jagħmel espliċitu dak li diġà qiegħed hemm. F'dan il-fil ta' ħsieb l-għarfien storiku, bħat-trattament tar-realtà fl-epistemoloġija empirika, hu kkunsidrat bħala oġġett konkret li hu analizzabbli b'tali mod li jista' jitfisser. F'mistoqsijiet bħal x'konnessjoni għandha tinsilet bejn ġrajjiet li huma differenti minn xulxin u kif il-prinċipju kawżattiv jista' jiġi stabbilit bejniethom tispikka l-ħerqa tal-analiżi tradizzjonali sabiex tfittex li timponi sens ta' linearità fl-interpretazzjoni tagħha tal-istorja. Minn din il-perspettiva, il-perjodu ta' żmien li fuqu l-mudell jiffoka jitqies li hu ffurmat minn sensiela ta' ġrajjiet singoli marbutin flimkien u mqegħdin tul linja. L-omoġenjità li ssensel il-ġrajjiet mill-oriġini stabbilit mill-istoriku sal-punt tat-tmiem milħuq, u l-ordni impost mill-kontinwità ta' bejniethom jippermettu biex l-istorja titqies b'unità u kompluta. F'dan il-kuntest għaldaqstant, il-prijorità ewlenija tal-istoriku li japplika l-mudell lineari ssir li l-interpretazzjoni tal-passat tkun komprensiva kemm tista' tkun.

Id-diwi ta' dawn il-prinċipji jinħass sew f'wieħed mill-istoriċi Maltin ewlenin. F'sitwazzjoni fejn il-mumenti li fihom ir-riflessjoni fuq il-metodu mħaddem huma skarsi ħafna, il-prefazju li Henry Frendo jiftaħ bih *The Origins of Maltese Statehood*

[11] Alan Munslow, *Deconstructing History*, Londra, 1997, p. 36.

[12] Għall-fini ta' din il-*paper* jien se nikkunsidra l-istorjografiji empiriċi u tradizzjonali bħala sinonimi.

jikseb importanza liema bħalha.[13] Sa mill-għażla tat-titlu wieħed jista' jibda jinnota d-direzzjoni lejn il-mudell lineari li Frendo jiġbed. Fit-titlu tinħass il-preżenza ta' element essenzjali fit-tħaddim tiegħu – preżenza li tkompli tikkonsolida ruħha fl-istqarrija ta' Frendo li l-għan ewlieni tiegħu hu li jagħti stampa ta' kif oriġinat is-sovranità tan-nazzjon Malti.[14] Din l-intenzjoni ma tistax ma tevokax il-proċess evoluttiv li jikkaratterizza l-mudell lineari tal-istorja.

Id-direzzjoni magħżula minn Frendo tikkonferma ruħha fl-għażla tal-kliem u l-frażijiet li jinqeda bihom sabiex jagħti stampa tal-mod kif jaħdem u l-miri li jaspira li jilħaq. Meta jiġi biex jippreskrivi x'għandu jsir fl-eżaminazzjoni tad-dokumenti u l-memorji rrakkuntati, hu jevoka mill-ewwel il-linearità billi jisħaq li l-istoriku għandu jittraċċa l-impronti tas-swaba' u l-passi tas-saqajn imħollija.[15] Din l-evidenza, skont Frendo, għandha twassal eventwalment għar-rekuprar tal-passat storiku. F'termini tipiċi assoċjati mal-mudell imsemmi hu jinsisti li dmir l-istoriku hu li fil-fili tat-traċċi disponibbli jkun jista' jistabbilixxi sistema ta' relazzjonijiet li jgħaqqdu l-ġrajjiet f'sensiela ta' ħoloq magħqudin waħda mal-oħra. Ir-referenza għall-mod li bih l-istoriku għandu jipproċedi, jiġifieri '*by ordering coherent lines of sustained empirical argument*',[16] tkompli sseddaq l-intenzjoni ta' Frendo li japplika f'ħidmietu l-mudell lineari tal-istorja.

Jekk kif indikajt diġà mill-osservazzjoni ta' Munslow il-bażi li fuqha tistrieħ l-istorjografija tradizzjonali hija ċ-ċertezza murija fl-attitudni addottata mill-istoriku fil-konfront tan-natura tar-realtà storika, allura s-sentenza li l-istoriku Malti jagħżel li jiftaħ il-prefazju biha hi konferma tal-mudell li lejh hu jidher li huwa orjentat: *'This work seeks to paint and to frame a picture of how Maltese statehood originated in the early nineteen sixties, what was going on behind the scenes.'*[17]

Il-paragun li Frendo jsawwar bejn l-istoriku u l-pittur billi jiddeskrivi 'l xogħlu f'termini pittoriċi, m'għandhiex titqies sempliċiment bħala tixbiha aċċidentali li m'għandha tingħata ebda importanza. Minflok jista' faċilment jiġi kkunsidrat bħala pass mittieħed deliberatament minnu biex jissieħeb f'kurrent ta' ħsieb li għandu tradizzjoni twila fi ħdan il-qasam tal-istorjografija. Fil-fatt, F.R. Ankersmit jirreferi għax-xebh imsemmi bħala '*a well known topos in the philosophy of history*'[18] u kif nittama li nuri, fil-każ ta' Frendo jifforma l-bażi li minnu jinħarġu l-prinċipji ewlenin li flimkien jiffurmaw il-mudell storjografiku li japplika. Fi kliem ieħor, ladarba jintwera kemm dan hu minnu jkun jista' jingħaraf aħjar kemm il-paragun hu determinanti

---

[13] Henry Frendo, *The Origins of Maltese Statehood: a Case Study of Decolonization in the Mediterranean*, Malta, 1999.

[14] Ibid., p. 13.

[15] Ibid., p. 20.

[16] Ibid., p. 19.

[17] Ibid., p. 13.

[18] F.R. Ankersmit, *History and Tropology: the Rise and Fall of Metaphor*, Londra, 1994, p. 145.

ladarba jiffissa d-direzzjoni fl-eżitu tal-proċess kollu tal-analiżi storika kif magħżula mill-istoriku Malti. Il-viżjoni ssuġġerita minn dan it-tlaqqigħ taż-żewġ dixxiplini tolqot l-essenza fin-natura tar-realtà storika u l-mod kif dan kollu jolqot lit-test. Għaldaqstant, jiksbu importanza kruċjali fil-kostruzzjoni tal-bażi epistemoloġika tal-mudell storjografiku.

L-effett li jħalli dan ix-xebh jikkonċerna qabel xejn, kif diġà indikat, in-natura konkreta li tingħata lir-realtà storika. Fil-paragun bejn din tal-aħħar u l-pittura, bħalma jiġri f'metafora sinestetika, il-karatteristiċi formattivi tal-waħda jiġu ttrasferiti għal fuq l-oħra b'tali mod li jbiddlulha l-essenza ontoloġika tagħha radikalment. Il-passat storiku, li fl-epistemoloġija postmoderna hu impossibbli li tiddeskrivih kif kien ladarba mid-definizzjoni tiegħu m'hux rekuperabbli għax għadda u mar, ma jibqax fenomenu daqstant elużiv u minflok jikkonkretizza ruħu u jsir sensibbli bħall-oġġetti mpittra. Minn xi ħaġa elużiva jittrasforma ruħu f'għarfien rekuperabbli oġġettivament, lest għall-iskrutinju tal-istoriku. Barra minn hekk, b'riżultat tal-konkretezza miksuba jsir possibbli li wieħed jitkellem fuq oġġett li huwa fiss, u li għalhekk jiggarantixxi '*a fixation of the (historical) reality of which we have knowledge*'.[19] Bħalma l-pittur ma jsib ebda diffikultà biex jaqbad fuq it-tila kwalunkwe oġġett empiriku li hu jipperċepixxi, Frendo, skont dak li jimplika permezz tal-affermazzjonijiet tiegħu, donnu li ma jsib ebda diffikultà biex jartikula billi jpinġi u jinkwadra fi stampa kif oriġinat is-sovranità tal-istat Malti fil-bidu tas-snin sittin u x'kien qiegħed jiġri minn wara l-kwinti. Il-konferma tat-twemmin bis-sħiħ f'realtà li tista' tiġi studjata bħala oġġett tingħata din id-darba b'referenza diretta għall-perċezzjoni ottika: '*By its self-imposed constraints, this exercise sets one wide angle and zooms in to focus on a series of related aspects through the viewfinder, some of them beneath the surface*'.[20]

It-testimonjanza mid-dokumentazzjoni ssir is-sors ewlieni li jipprovdi l-għarfien storiku. L-istess bħalma rajna li jiġri fl-istorjografija empirika, il-fiduċja fid-dokumentazzjoni tissarraf eventwalment fit-twemmin fil-korrispondenza bejn il-fatti storiċi u dak li ġara fil-passat. Dan hu mfisser minn Frendo b'lingwaġġ li jissuġġerixxi li l-preżenza ta' waħda hi traċċabbli fl-evidenza tal-oħra: '*Let us therefore begin to find, to elevate and to examine the documents and the memories, tracing the fingerprints and the footsteps, to fork out some discernible pathways which, in the case before us, lead demonstrably to the present* [. . .].'[21]

Ir-referenza għall-immaġni tal-marki tas-swaba' u tal-passi, filwaqt li tikkonferma l-enfasi fuq il-perċezzjoni viżiva, tikkonsolida l-prinċipju li r-realtà storika hija oġġett li jista' jkun investigat. Min-naħa tagħha, din il-pożizzjoni tagħmilha possibbli li l-oġġettivi ewlenin li l-mudell empiriku jaspira li jilħaq, li skont Munslow huma l-

[19] Ibid., p. 128.
[20] Frendo, p. 19.
[21] Ibid., p. 20.

'*moral detachment, disinterestedness, objectivity, authenticity (if not absolute truthfulness) and the objective constitution of historical facts*',[22] jibdew isiru l-miri li l-istoriku jfittex li jikseb; miri li jippuntaw b'mod kważi inevitabbli u irrevokabbli lejn il-massima tas-seklu dsatax tal-istoriku Leopold von Ranke jiġifieri l-*wie es eigentlich gewesen*, jew li tagħraf l-istorja kif ġrat fil-fatt. Kif titlob l-istorjografija empirika t-test storiku jitqies li hu trasparenti, biex b'hekk ir-realtà storika tinqabad kif inhi, bħallikieku tirrevela ruħha bħalma kienet oriġinarjament. B'hekk id-diffikultajiet imnisslin min-natura ontoloġika tar-realtà storika jingħelbu kollha, u l-materjal li fuqu jaħdem l-istoriku jinbidel f' '*a sea of historical phenomena that have to be described and explained*'.[23] Għaldaqstant fl-istqarrija ta' Frendo li l-qarrej '*re-live or at least to see those times, such as they were*'[24] ma tistax ma tikkonfermax ruħha x-xewqa tal-istoriku li jipprovdi verżjoni tal-istorja li tkun qrib kemm jista' jkun ta' x'ġara fil-passat. L-intenzjoni tiegħu li jagħti verżjoni komprensiva u għalhekk totali tal-istorja tikkonferma ruħha meta f'mument minnhom jirreferi għaliha bħala '*lasting history*'.[25] Anki jekk joqgħod attent li dan il-punt ma jaċċentwahx mill-ewwel billi inizjalment jiddikjara li '*history as it really happened may be a great ideal to aspire to, but one which can never be fully attained*'.[26] Ix-xewqa msemmija għalhekk minnha nnifisha toħloq il-possibbiltà ta' verżjoni waħda tal-istorja li teoretikament timmina l-ispazju għal verżjonijiet oħra. Hija din ir-restrizzjoni li fl-aħħar mill-aħħar tikkaratterizza s-sistema totalizzanti li jiġġenera l-mudell empiriku - sistema li kif se nuri, l-istoriku b'viżjoni postmoderna jfittex li jżarma.

Il-mistoqsija li ssegwi minn dak li stabbilejt s'issa hi kif l-istoriku jista' jsir konxju mill-proċess li jiġġenera l-għarfien li jipproduċi f'kultura Maltija nieqsa mill-awtoriflessjoni? Huwa f'dan il-kuntest li jien se nipprova nuri l-kontribut ta' Sant. Sehem l-awtur se nipprova ninterpretah li jaqdi l-funzjoni ta' mera li titqiegħed biex tirrifletti l-proċess tal-kitba. Dan bl-intenzjoni li l-awtoriflessjoni tistimula l-iskrutinju tal-aspetti diversi tal-proċess imħaddem fil-kostruzzjoni ta' test interpretattiv. Għaldaqstant, li se nipprova nuri issa hu kif in-narrattiva ta' Sant isservi ta' parabbola ta' bixra postmoderna intenzjonata li tipproblematizza l-mod kif il-Malti dera jikkonċepixxi l-proċess tal-interpretazzjoni tal-passat storiku.

## Il-problematizzazzjoni tal-mudell storjografiku empiriku f'Sant

Fl-isforz tal-postmodern li jisfida d-dispożizzjoni fl-istorjografija empirika li sistematikament tingħata verżjoni totalizzanti tal-istorja, l-istatus ontoloġiku tar-realtà

---

[22] Munslow, p. 16.
[23] F.R. Ankersmit, *History and Tropology: the Rise and Fall of Metaphor*, p. 98.
[24] Frendo, pp. 20–1.
[25] Ibid., p. 18
[26] Ibid.

storika jservi bħala l-bażi għar-riviżitazzjoni. Dan għax il-prinċipju li r-realtà hi fissa, rekuperabbli, u tista' tinqabad kif inhi, fl-istorjografija tradizzjonali jissarraf fit-twemmin li l-passat storiku hu kostanti u konsegwentement jista' jinqabad kif inhu. B'kuntrast għall-mod li bih l-epistemoloġija empirika qieset ir-realtà, u l-preċiżjoni li biha l-għarfien seta' jinkiseb, ir-realtà għall-postmodern inbidlet f'waħda li hi plastika, tinbidel kostantament u, fuq kollox, ma teżistix bħala oġġett-fih-innifsu indipendentement mill-interpretazzjoni tas-suġġett.

Mal-bidla radikali fl-essenza li tikkostitwixxi r-realtà wieħed kien jistenna li jiġi ffurmat qafas ta' ħsieb li fi ħdanu t-tfittxija għall-kisba tal-għarfien jinbidlulha l-oġġettivi tagħha. Fil-każ tal-istorja, intlaqat b'mod partikolari t-twemmin bis-sħiħ fir-rikonoxximent ta' dak li Ankersmit isejjaħ '*the essence of the past – the principle that held everything together in the past (or in a part of it) and on the basis of which, consequently, everything could be understood*'.[27] Ir-relevanza ta' dan l-ispustament kunċettwali tista' tinħass fil-bidla fis-suppożizzjonijiet li fuqhom tfittex li tissawwar l-interpretazzjoni tradizzjonali tal-istorja. Il-kuntrast bejn iż-żewġ storjografiji f'dan ir-rigward jinħass sew: filwaqt li fl-istorjografija tradizzjonali jiddominaw il-prinċipji li jiggarantixxu sens ta' ordni lill-għarfien storiku, l-istorjografija postmoderna hi kkaratterizzata minn sens qawwi ta' inċertezza u indeterminezza. Skont Michel Foucault, filwaqt li għall-istoriċi tradizzjonali d-diskontinwità ħteġilha titwarrab biex minflokha tingħata attenzjoni lil-linearità, issa saret wieħed mill-elementi fundamentali tal-analiżi storika.[28] Jekk għalhekk għall-istorjografija tradizzjonali l-passat seta' jinftiehem billi tiġi rkuprata l-essenza li torganizzah u tagħtih ordni, ir-realizzazzjoni tal-impossibbiltà li qatt jista' jeżisti prinċipju simili tefa' l-istorjografija f'baħar ta' inċertezza.

Għaldaqstant ir-risposta postmoderna fl-essenza tagħha tasserixxi li m'hemm ebda bażi biex wieħed jemmen li l-metodoloġija empiriċista tista' b'xi mod tassigura l-għarfien tal-passat kif fil-fatt ġara. L-impatt li kellha tħalli din il-pożizzjoni epistemoloġika fuq il-kwalità possibbli tal-ġudizzji mgħoddija huwa ċar: filwaqt li għall-empiriċisti kien possibbli li jingħata ġudizzju oġġettiv, jew għallinqas wieħed seta' jaspira li jersaq lejh, fil-viżjoni postmoderna għebet il-possibbiltà li r-realtà tinqabad kif inhi. Fl-istorjografija postmoderna, għalhekk, il-possibbiltà ta' valutazzjoni oġġettiva kienet kompromessa b'mod irrevokabbli. F'termini prattiċi, il-qofol tal-ispustament kunċettwali jissarraf fil-possibbiltà li tingħata aktar minn interpretazzjoni waħda tal-istess ġrajja.

Ix-xewqa biex Sant jirreġistra t-tbegħid mill-pożizzjoni ideoloġika tradizzjonali kif misjuba l-aktar fi Frendo tibda tinħass sa mit-titlu tar-rumanz. Fil-fatt, f'*La Bidu La Tmiem* tista' tinqara l-ħerqa tal-awtur li jipproponi mudell alternattiv li jissostitwixxi

[27] *History and Tropology, the Rise and Fall of Metaphor*, p. 175.

[28] Michael Faucault, *The Archaeology of Knowledge*, Londra, 2002, p. 9.

l-mudell lineari.[29] Dan għax permezz tiegħu jasserixxi t-teħid ta' pożizzjoni li tinnega ż-żewġ punti temporali fissi li jiddeterminaw l-iżvilupp tal-perjodu rrakkuntat. Għaldaqstant it-titlu jista' jinqara bħala ċ-ċaħda tal-awtur taċ-ċertezza li jiġġenera l-mudell tradizzjonali, biex minflok tingħażel l-inċertezza li tikkaratterizza l-mudell postmodern. Fid-data msemmija fit-titlu Sant ikompli jippronunzja ruħu favur it-tentattiv għall-ispustament kunċettwali msemmi. Il-kuntest li fih is-sena hi inserita, jiġifieri preċeduta minn assjoma li tirriġetta l-kunċett tradizzjonali ta' bidu u tmiem, hu determinanti sabiex it-tifsira tradizzjonali li normalment tali data tissuġġerixxi tinbidel f'kunċett marbut mal-viżjoni postmoderna tal-istorja. Mill-kunċett ta' millennjaliżmu, li marbuta miegħu hemm l-idea ta' proċess li wasal biex jintemm biex jibda ieħor floku, id-data tal-1599 tittrasforma ruħha biex tiċħad is-sens teleoloġiku li tali tifsira tista' tevoka. Hija viżjoni li fost miżuri oħra ma tfittixx li tagħti stampa komprensiva bħalma tipprova tagħmel l-analiżi lineari. Il-vertikalizzazzjoni tal-istorja tesiġi li l-passat storiku ma jibqax jitqies bħala linja, bl-attenzjoni mixħuta lejn sensiela ta' ġrajjiet intenzjonati li jintrabtu flimkien. Minflok kellu jibda jitqies donnu xmara, bl-istoriku jipprova jfannad f'ilmijietu flok ifittex li jibni kronoloġija lineari. L-istess bħalma Sant, fit-titlu, jindika li se jagħmel fir-rakkont tiegħu; b'hekk titwarrab fil-ġenb l-idea ta' progress li l-postmoderni riedu jsaffu l-proċess storiku minnu.

L-għażla tax-xbieha tax-xmara biex tirrappreżenta l-mod ġdid li bih ir-realtà storika bdiet titqies, m'hix aċċidentali. Sant ukoll jagħmel użu minnha fir-rakkont tiegħu, biex b'hekk tipparteċipa fi grupp ta' xbihat u elementi oħra li jevokaw l-idea ta' likwidità. L-orjentazzjoni lejn dal-mod li bih ir-realtà hi mifhuma ssieħeb lit-test ta' Sant fil-qafas kunċettwali postmodern, la skont Amy J. Elias '*the primary characteristic of the postmodern has come to be its rejection of the linear models*'.[30] F'*La Bidu La Tmiem* il-preżenza tal-likwidità hija rreġistrata qabel xejn f'isem il-protagonista tar-rakkont, Bernal del Rio, ladarba 'rio' bl-Ispanjol tfisser xmara.[31] Fid-dawl ta' dan il-kuntest l-argument tiegħi hu li l-preżenza tax-xbieha f'isem il-protagonista tikkonferma l-intenzjoni tal-awtur li jagħmel mil-likwidità parti essenzjali mir-rakkont. Il-likwidità wara kollox, fid-diskontinwità u d-diżunjoni li tiġġenera, tikkanċella l-ispazju għall-possibbiltà tal-immarkar ta' pożizzjonijiet fissi kif jien ippruvajt nuri li t-titlu magħżul minn Sant jirreġistra. L-identifikar tal-preżenza tal-likwidità fil-plott għandha tikkonferma għalhekk ir-rieda tal-awtur li jieħu lit-test fid-direzzjoni opposta tal-mudell lineari. Il-parti mill-plott li se niffoka fuqha, biex nuri l-evidenza ta' din il-preżenza, se tkun l-ambjentazzjoni li l-awtur joħloq. Il-fil ewlieni fl-argument tiegħi se jkun li f'ċerti dettalji li jiffurmaw il-paesaġġ maħluq,

[29] Alfred Sant, *La Bidu La Tmiem*, Malta, 2001.

[30] Amy J. Elias, *Sublime Desire: History and Post-1960s Fiction*, Baltimore, 2001, p. 105.

[31] Ix-xmara taqdi sehem importanti fil-plott f'għadd ta' waqtiet; fosthom, wieħed jista' jsemmi meta Bernal del Rio jkun Ruma, jew waqt diversi episodji mir-rakkont tar-Raħeb.

b'mod partikulari fi ħdan id-deskrizzjoni tal-Wied tal-Miskat, Sant jipprepara l-kuntest adatt li fih ikun jista' jitħaddem il-mudell alternattiv għal dak lineari.

Il-preżenza tal-likwidità tibda tinħass anki meta hija ssenjalata b'mod indirett, kif tixhed il-preżenza tal-qasab f'din is-silta:

*Taħtu, il-Miskat kien jitgerbeb lejn il-fond tiegħu f'turġien waħda fuq l-oħra, daqqa pjanura dejqa, daqqa oħra mħarbta, daqqa taqliba sħiħa ta' blat imqaċċat u stroffi li qishom mormija kollha flimkien fl-istess livell dejjaq, b'siġar tat-tin jew tal-ħarrub jiddeffsu waħidhom jew fi gzuz minn livell għal livell taħtu, jistkennu flimkien mill-buffuri bħalissa dgħajfa, ta' żiffa aktar minn riħ li kienet qed titliegħeb mal-wied, u 'l isfel dejjem 'l isfel, il-qiegħ nett, fejn il-faxx sħiħ ta' qasab kien jistira 'l fuq qisu jixxennaq għas-sema hu u jimla kull roqgħa ta' art, jgħawwar biex jitkixxef fil-blat li qed jagħlqu, l-iċken qasma li magħħa seta' jqabbad biex ideffes għeruqu u b'hekk jitqanfed aktar ma' ġnub il-wied li jrossuh u jidderiġuh lejn il-blat li fil-bogħod imissu mal-baħar.*[32]

Huwa fatt magħruf li biex tkun tista' tixxettel din ix-xitla teħtieġ ambjent milwiem. Għaldaqstant id-dipendenza tal-qasab fuq l-ilma tissuġġerixxi l-preżenza tal-mineral fl-inħawi deskritti, li minnu nnifsu ma jistax ma jevokax it-tema tal-likwidità ladarba mill-kompożizzjoni tiegħu jirreżisti li jieħu forma fissa. L-istess preżenza ma tibqax biss implikata ftit wara. Hija aċċentwata meta Sant jiġi biex jiddeskrivi l-movimenti li jagħmel il-qasab mill-pożizzjoni li jinsab fiha fil-'qiegħ nett' biex isib l-ilma li tant jeħtieġ. Il-qasab huwa deskritt li jagħmel ħiltu biex jidderiġi lil għeruqu sabiex jipponta lejn ix-xquq fil-blat li 'fil-bogħod imissu mal-baħar'.

L-istess silta tipprovdi wkoll l-ewwel indikazzjoni tal-proċess assoċjat mal-likwidità fit-test ta' Sant. Il-likwidazzjoni tal-pedamenti tikkumplimenta d-diżintegrazzjoni tal-oriġini u konsegwentement tat-tmiem ukoll, u għaldaqstant issir element fundamentali fit-tiswir tal-viżjoni li Sant xtaq jirrappreżenta f'*La Bidu La Tmiem*. Hija tema li tissuġġerixxi l-idea li s-sisien li fuqhom suppost jistrutturaw irwieħhom diversi elementi fir-rakkont huma instabbli għax likwidi flok solidi, rekwiżit essenzjali għat-tħaddim ta' mudell intenzjonat li jżarma l-linearità. Ir-reżonanzi ta' dan il-proċess jibqgħu jippersistu tul ir-rakkont u jħallu effett sinjifikanti fuq l-iżvolġiment tiegħu. Dawn jimmanifestaw irwieħhom fl-istrateġiji narrattivi addottati minn Sant intenzjonati b'mod partikulari li jimbuttaw 'il quddiem ix-xejra antiteleoloġika li minnha l-azzjonijiet ewlenin tal-karattri jibdew jiddakkru.[33] Għaldaqstant, biex donnu jipprepara bażi soda fuq xiex il-proċess imsemmi jkun jista' jistrieħ u b'hekk jiġi żviluppat b'mod konvinċenti, Sant jibda jsawwar ir-relazzjoni bejn il-Wied tal-Miskat u l-baħar.

Il-konnessjoni bejn iż-żewġ elementi naturali tibda tifforma ruħha bil-kuntatt li l-awtur jistabbilixxi bejniethom. Il-lokalizzazzjoni tagħhom hija strumentali biex

[32] *La Bidu La Tmiem*, p. 177.

[33] Jien ittrattajt l-istrateġiji narrattivi msemmija u l-implikazzjoni tagħhom fir-rakkont fit-teżi tiegħi tal-Ph.D., 'Ir-Riviżitazzjoni tar-Rumanz Malti'.

jintlaħaq l-għan. Huma diversi l-waqtiet tul ir-rakkont li fihom l-awtur jgħarraf lill-qarrej li l-wied iwassal għall-baħar. Fil-fatt hu lokalizzat b'tali mod li l-kuntatt mal-baħar isir inevitabbli, kif tindika din is-silta:

> *Qisna ninsabu hawn fl-aħħar xoffa ta' dil-gżira, ħaseb Bernal: fejn l-art qed ittiegħem il-melħ tal-baħar u tiddeċiedi li għadha trid tibqa' art. Xi darba, meta dil-ġżira terġa' tingħaqad mal-baħar li ħarġet minnu, se jkun minn hawn li l-ewwel tibda togħdos 'l isfel, u l-ilma baħar jibda jfur għal ġol-ġewwieni tal-ġżira minn fuq l-għoljiet li jdawru dal-wied.*[34]

Skont l-istħajjil ta' Bernal il-Wied tal-Miskat jinsab 'fl-aħħar xoffa ta' dil-gżira'. Dan is-sens ta' prekarjetà mqanqal mis-sens ta' titrif, u l-impatt devastanti li jista' jġib miegħu, huwa sospiż parzjalment bid-deskrizzjoni tal-azzjoni li qiegħed jagħmel il-baħar. Permezz tal-verb 'itiegħem' Sant bħal jimplika ċerta dominanza tal-art fuq il-baħar, ladarba fil-kuntatt mill-qrib bejn it-tnejn hija dik tal-ewwel li tqanqal l-azzjoni, b'tat-tieni jirċiviha pjuttost b'mod passiv. Dan il-fil ta' ħsieb ikompli jikkonferma ruħu fl-istess sentenza. Ir-riedni huma donnhom f'idejha, tant li għandha l-fakultà li tiddetermina hi d-destin tagħha. Skont is-silta, hija l-art li tiddeċiedi għandhiex tingħaqad mal-baħar jew le. Għalhekk l-impressjoni li tinħareġ hi li fir-relazzjoni ta' bejniethom, għallinqas sa dan l-istadju, hija l-art li donnha tgawdi ċerta supremazija.

Iżda s-sitwazzjoni ma ddumx wisq biex tinbidel u tinqaleb ta' taħt fuq. Ibda biex, il-bixra kważi newtrali tal-kuntatt bejn l-art u l-baħar malajr tittrasforma ruħha fil-previżjoni ta' antagoniżmu li jwassal eventwalment għat-tixjin ta' parti minnhom. Fit-tħammim tiegħu Bernal jipprevedi l-istat ta' predikament mhux biss tal-art fejn qiegħed imma tal-gżira kollha. Is-sens ta' fatalità ddestinat lilha jinħass speċjalment fiċ-ċikliċità implikata fis-sekwenza, li bħal tissenjala l-inevitabbiltà tas-supremazija assoluta tal-likwidità tal-baħar fuq is-solidità tal-art. Bħal maqbuda f'ċiklu li jeħtieġlu jirritorna lejn il-punt li minnu telaq, l-art hija ddestinata li terġa' lura għall-istat li fih xi darba kienet, jiġifieri mtaħħta mill-preżenza tal-ilma. U l-proċess tat-titħtit tal-art mill-baħar, għallinqas skont il-protagonista tar-rumanz, jidher li għad jibda proprju mill-Wied tal-Miskat. Huwa minn dan il-post li fis-silta nsibu li l-ilmijiet għandhom jibdew ifawru sakemm jgħerrqu kompletament lill-gżira.

Id-destin li l-art skont is-silta jkollha tiffaċċja jwassal eventwalment għal fażi oħra fil-proċess li qiegħed nipprova nittraċċa. Fl-aħħar mill-aħħar, il-forza tal-likwidità ġġib magħha wkoll sens ta' aggressjoni, tant li Sant f'mument minnhom jirreferi għall-'*assalti tal-baħar*'[35] fuq l-art. Din l-aggressjoni tal-ilma fuq is-solidità tal-art hija x-xhieda ta' fażi oħra tal-evolviment li jieħu l-proċess. Fil-fatt dan jilħaq il-qofol tiegħu bil-likwidazzjoni ta' dak li hu solidu. L-impatt tas-supremazija tal-waħda fuq l-oħra din id-darba ma twassalx biss għat-titħit imma għat-tixjin komplet tal-forma

[34] *La Bidu La Tmiem*, p. 66.
[35] Ibid., p. 202.

solida. Fil-motiv tas-supremazija tal-likwidità fuq is-solidità jista' jinqara l-kuntrast bejn il-mudell tradizzjonali u postmodern, it-teżi li lejha Sant jipprova jqarreb lit-test tiegħu.

Il-proċess ta' likwidazzjoni jkompli jintensifika ruħu billi Sant jagħmel użu minn ċerti xbihat li jimplikaw il-likwidità ta' dak li hu materjali, bħal meta jiddeskrivi x-xtieli li għamilt referenza għalihom aktar 'il fuq bħala 'xmara ta' qasab'. Frażijiet oħra li la jilħqu l-istess għan għandhom jiġu interpretati fl-istess dawl huma '*gelgul qasab*' (p. 837) u '*xmara ta' lanez*' (p. 838). Fuq livell ta' plott din il-karatteristika tal-likwidità tista' tiġi interpretata li tiffunzjona b'diversi modi.

Jekk il-kejl ta' kemm awtur jirnexxilu jibni viżjoni konvinċenti jiddependi fuq x'jagħmel mit-tema ċentrali, il-mod li bih Sant jutilizza l-effetti tal-likwidità f'*La Bidu La Tmiem* għandu jiddetermina x'jirnexxilu jikseb fit-test tiegħu. B'rabta mar-riviżitazzjoni tal-mudell storjografiku tradizzjonali li jien ippruvajt nistabbilixxi, ir-relevanza tal-likwidità eventwalment jirnexxilu jsarrafha fil-problematizzazzjoni tal-istatus ontoloġiku u tal-proċess ta' riproduzzjoni tar-realtà storika. Dan għax tispiċċa tikkontamina anki dak li jiġri, kif juri l-episodju ċentrali fir-rakkont, jiġifieri l-għarqa tal-feluka. Il-preżenza tal-likwidità, minbarra l-manifestazzjoni tagħha fit-taħlil tal-forma tal-event, timmaterjalizza ruħha fil-preżenza tal-ilmijiet li jikkundizzjonaw dak li jiġi pperċepit:

*F'daqqa, massa kbira ta' xita xpakkat mis-sħab u ksiet il-baħar kollu quddiem il-Miskat sax-xefaq, ixxarrab għasra lill-Miskatin jistennew u jgħassu. Dak li kien iseħħ taħthom deher imżelleġ u sfumat fil-griż.*[36]

Il-preżenza tal-Miskatin li minn fuq l-għolja jassistu għal dak li jkun qiegħed jiġri fil-baħar ta' taħthom donnha tissimbolizza l-qagħda tal-istoriku f'relazzjoni mal-ġrajja li jfittex li jirrikostruwixxi. Il-problematizzazzjoni fil-proċess tar-rikostruzzjoni tar-realtà hi intensifikata meta jitqies fid-dawl tal-vantaġġi tal-Miskatin meta mqabbla mal-qagħda tal-istoriku. Fi kliem ieħor, minkejja l-pożizzjoni vantaġġjuża gawduta minn fuq l-irdum, u l-fatt li s-suġġett qiegħed jassisti għall-ġrajja fil-ħin reali, xorta jsir diffiċli jekk mhux impossibbli għalih li jagħraf dak li qiegħed jiżviluppa taħt għajnejh.

Għaldaqstant is-sekwenza ssir donnha parabbola intenzjonata li tillustra d-diffikultà fit-twemmin tal-istorjografija empirika li r-realtà għandha titqies bħala oġġett-fih-innifsu u għalhekk rekuperabbli. Għall-Miskatin, minħabba ċ-ċirkustanzi li fihom tevolvi l-ġrajja, mhux possibbli li jaqraw x'kien qiegħed iseħħ fil-baħar ta' taħthom:

*Għal waqtiet twal ta' waħx, minn bejn il-purtiera ħoxna tax-xita nieżla qliel, l-għassiesa ta' fuq l-irdum ma raw xejn aktar ħlief il-wiċċ kollu xkuma tal-baħar imqalleb. Fl-aħħar dehret xi ħaġa f'dak il-griż, kienet bħal ċattra mgħawġa tal-injam ... il-qiegħ tad-dgħajsa maqluba ta' taħt fuq.*[37]

[36] Ibid., p. 863.
[37] Ibid., p. 864.

Is-silta tillustra kif kuntrarju għal kif kien maħsub qabel, l-idea li jeżisti kanal li jwassal il-passat fil-preżent b'mod trasparenti ma baqgħetx iktar konċepibbli. It-trasparenza hi kompromessa permezz tal-ilmijiet, li Sant jagħtihom il-forma ta' '*purtiera ħoxna*' li tostor dak li jkun qiegħed jiġri. Għall-Miskatin, minkejja l-preżenza tagħhom fil-mument tal-ġrajja, ma kienx possibbli li josservaw il-qofol tal-ġrajja fir-rakkont.

Mela jekk l-għarfien tal-passat storiku jiddependi fuq l-interpretazzjoni tat-testi, u l-interpretazzjoni min-natura tagħha timpedixxi milli qatt tingħata verżjoni b'mod donnu awtomatiku u trasparenti, l-għan li r-realtà storika tinqabad kif xi darba kienet ma tibqax aktar sostenibbli. Id-diffikultajiet imsemmija fir-rakkont juru kemm hu improbabbli li timla l-qasma ontoloġika li tissepara l-passat mill-preżent. B'konsegwenza t'hekk, il-parzjalità fl-interpretazzjoni tal-passat storiku hi inevitabbli:

*Ftit hemm aktar xi tgħid dwar id-diżgrazzja li seħħet fil-Miskat f'dik ir-rebbiegħa tas-sena 1599. Ir-rakkonti frammentarji dwarha li baqgħu jeżistu bil-miktub sas-seklu tmintax semmewha kif ta' sikwit jiġri, bħala inċident misterjuż u kiefer, bla tifsira, inċident li la kellu bidu u lanqas tmiem.*[38]

## Lejn konklużjoni

Kif nittama li wrejt ir-rumanz ta' Sant donnu jitlob li l-qagħda tal-istorjografija Maltija tkun mistħarrġa. Relevanti hija l-osservazzjoni ta' Munslow, li jissintesizza s-sitwazzjoni tal-istorjografija llum hekk: '*[T]he naïve empiricist position, which necessarily assumes the existence of objective and judicial historians separated from the evidence, who keep their minds free from a priori assumptions, who avoid questions that beg answers, and who apply to the evidence forensic procedures for the critical evaluation of the evidence, is now more widely disputed than ever before.*'[39] Fid-dawl tal-osservazzjoni kkwotata, it-test ta' Sant jista' jservi ta' spunt għar-riviżitazzjoni ta' dak li f'kultura monolitika possibbilment għadu jitqies b'inkontestabbli. Mistoqsijiet li jikkonċernaw il-bażi epistemoloġika tas-suġġett tal-Istorja, fl-inċertezza li jqanqlu dwar il-mod kif ir-realtà tal-passat issir magħrufa u kemm fil-fatt tista' tkun eżatta huma essenzjali, għax paradossalment il-metodu jevolvi aktar ma jikber l-għarfien tal-limiti tiegħu.

Bil-għan li jxejjen l-isterilità mentali kollettiva Sant fittex li jaqbad it-triq permezz tar-riviżitazzjoni kritika li tista' tkun effettiva biex jinħoloq diskors ġdid li jisfida u fejn hemm bżonn jieħu post id-diskors il-qadim. Fl-ispazju maħluq minn dan l-ispustament imbagħad, l-istorjografija kif imħaddma mill-istoriċi Maltin ma tkunx tista' tibqa' tipprovdi l-istess interpretazzjonijiet bl-istess ċertezza li konna mdorrijin biha. Dak li David Carroll jattribwixxi għall-impatt li jaffettwa d-diskors diżintegrattiv (*disruptive*) ta' Foucault, jista' għalhekk jiġi applikat għal dak li pprova jagħmel Sant

[38] Ibid., p. 861.

[39] Munslow, p. 167.

fir-rumanz tiegħu: '*It opens up a 'new space' of analysis or judgement demanding different categories, rules, and strategies of interpretation*'.[40]

F'dan l-ispazju ġdid wieħed jistenna li l-istoriku jżomm quddiem għajnejh il-ħtieġa li l-interpretazzjoni storika tiġi riveduta kontinwament, u xejn ma jittieħed b'ċert. Din l-attitudni kritika tista' tkompli tixxettel bil-kunsiderazzjoni li l-istorja timmaterjalizza ruħha mhux billi wieħed jiddibatti fuq kif setgħet kienet ir-realtà passata, iżda permezz tal-ikkontestar bejn diversi varjetajiet li lkoll jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom tal-ġrajjiet passati. F'dan is-sens l-isforz ta' Sant f'*La Bidu La Tmiem* jista' jiġi ġġudikat skont kemm irnexxielu joħloq lingwaġġ u modi ta' ħsieb li aktarx jidhru ġodda f'socjetà li tidher li baqgħet iffossilizzata fi tradizzjoni nieqsa mill-kontestazzjoni. It-tama tibqa' li l-viżjoni ta' L.P. Hartley li '*the past is a foreign country: they do things differently there*',[41] ma tibqax daqshekk imbiegħda mill-interpretazzjoni storika Maltija.

[40] David Carroll, *Paraesthetics*, New York, 1987, p. 109.
[41] L.P. Hartley, *The go-between*, Middlesex, 1953, p. 7.